**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 1.1 – IL-ĠIMGĦA 29 TA' MARZU 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-5:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Kunsillier |

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

**1.1** Inqraw il-Minuti tal-laqgħa nr 53 li saret nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2013. Fuq proposta tas-Dr Ian Castaldi Paris sekondat mis-Sinjura Magda Magri Naudi, dawn ġew approvati unanimament.

2. **DELEGI TAL- KUNSILLIERA**

**2.1** Is-Sindku Dr Ian Castaldi Paris spjega lil kunsillieri d-dekasteri w saret diskussjoni dwar ir-responsabilita ta' kull kunsillier.

3. **SITWAZZJONI FINANZJARJA TAL-KUNSILL**

**3.1** Is-Segretarja nfurmat li din l- item kellha jinqabez peress li l-accountant kien għadu ma lestiex xi xogħol fuq il-budget.

4. **APPLIKAZZJONI TAL-UIF**

**4.1** Is-Sindku talab lil Perit Rizzo Naudi biex jispjega x' qed isir fuq l-applikazzjoni tal-UIF. Dan għaliex l-MEPA reggħet infurmat lil Kunsill li għad hemm affarijiet nieqsa fl-applikazzjoni li ġiet sottomessa.

5. **LAQGĦA MA L-UFFIĊJALI TA' TRANSPORT MALTA**

**5.1** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris informa dwar l-applikazzjonijiet li saru ma transport malta dwar r-residential parking. Dawn ser jigu sottomesi ma transport malta u ser issir laqgħa on-site.

6. **XOGĦOLIJIET PENDENTI**

6.1 Is-Sindku nforma li l-case ta' Antenna jidher li qed jiġi rizolt mal-kumpanija kkonċernata. Is-Sindku flimkien ma' l-avukat tal-Kunsill nfurmaw lil Kunsill b'dak kollu li kien qed isir. L-Avukat propona laqgħa mar-residenti konċernati. Din ser issir il-Ħamis 11 ta' April fl 17.00hrs. il-Kunsill qabel dwar dan.

6.2 Is-Sindku Dr.Ian Castaldi Parisipprezenta l-ittra min għand il-Kappillan Fr David tal-Knisja ta' Sant Andrija dwar xogħolijiet fil-bankina tal-Knisja. L-Ispejjes kienu ser ikun ta' 600euro + VAT. Il-Kunsill qabel li għandu jingħata għajnuna finanzjara biex isir dan ix-xogħol.

6.3 Il-Kunsillier Dr Marc Sant informa lil kunsill dwar l-ħarga għal Għawdex u sar qbil li din għandha ssir nhar l-Erbgħa 8 ta' Mejju 2013. Il-Gita ta' Għawdex tinkludi transport u ikel – li ħadet ħsiebhom Lorraine Farrugia. Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi ħadet ħsieb Kappella f' Għawdex u Mużew.

6.4 Il-Kunsillier Dr Marc Sant informa lil kunsill dwar li l-kunsill għandu jkollu facebook page biex ir-residenti ta'Hal Lija jkunu jistagħu jwasslu l-ilmenti u anke jkunu aggornati b'dak li qed jagħmel il-Kunsill. Il-Kunsill qabel dwar dan.

6.5 Is-Segretarja nfurmat dwar is-sistema ta' depositi. Din għandha tibda ssir min kumpanija private u mhux kif qed issir bħal issa. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir u għalhekk għandna nitkellmu mal kunsilli tal-madwar biex isir dan l-arrangament.

6.6 Is-Sindku nforma li dwar r-request għal-ħlas ta' parti mill-pagament tar-reception tal-Club Football. Il-Kunsill qabel li għandu jingħata biss l-ammont li kien miftiehem.

6.7 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia ser tiltaqgħa mal-Perit biex tara Triq id dejqa phase 4. Il-Perit irid jipprepara il-*costings* u t-*tender document*.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI U AMMINISTRAZZJONI

7.1 Is-Segretarja ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar ta' Marzu 2013.

7.2 Is-Segretarja għamlet lista tal-granet meta ser issiru l-laqgħat tal-Kunsill (il-Kunsill qabel dwar dan

7.2.1 17$^{ta}$ April
7.2.2 15$^{ta}$ Mejju
7.2.3 5 ta' Ġunju
7.2.4 19ta Ġunju
7.2.5 3ta' Lulju

7.2.6 6 ta' Lulju JUM ĦAL LIJA
7.2.7 24 ta' Lulju
7.2.8 6 ta' Awwissu – s-SALVATUR

7.3 Is-Segretarja infurmat li ser tibda taħdem biex jinħargu tenders u call for quotations:

7.3.1 Tender for Arcitectural Services
7.3.2 Tender for Legal Advisor
7.3.3 Tender for Accountant
7.3.4 Tender for Scarifying and Patching (Road Works) to do Triq Massimiliano Debono and Triq tal- Mirakli
7.3.5 Call for Quotes – Upkeeping ta'bankini tal-concrete
7.3.6 Call for Quotes – Bandiera u l-Isem tal-Kunsill LOkali lija li qegħda mal-gallarija.
7.3.7 Call for Quotes – Uniformi għal ħaddiema tal-id ta-Kunsill Lokali
7.3.8 Call for quotes – Photocopier / scanner

**TMIEM**

Fil-20.00pm intemmet is-Seduta w b'mod unanimu aġġornat għal nhar l-Erbgħa 17 ta' April 2013.

________________________ ________________________

Dr Ian Castaldi Paris
Sindku

Ms Gabriella Agius
Agent Segretarju